GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

***Minuti tat-tlieta u hamsin laqgha tal-Hames Kunsill Lokali li nzammet fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta 5 ta' Mejju 2009 fis-6:00 p.m.***

| ***Prezenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| **Sindku** | Mario Gauci |
| **Vici Sindku** | Mark Azzopardi |
| **Kunsillieri** | Pio Fenech |
| | Mifsud Michael |
| | Alfred Muscat |
| **Agent Segretarju Ezekuttiv** | Fabian Mizzi |

**1 Talba**

**1.1** Il-laqgha bdiet fis-6.00p.m. billi intqalet it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Nru 52**

**2.1** Is-Sindku staqsa jekk xi hadd xtaqx jipproponi xi emendi fil-minuti ta' l-ahhar laqgha tal-Kunsill. Peress li ma kienx hemm emendi dawn approvati unanimament u iffirmati.

**3 Punti mtella' mill-minuti**

**3.1** ***Para 3.1 – Urban Improvement Fund :*** Is-Sindku nforma li konna kellimna lil Perit Janice Zahra u konna qed nahdmu fuq l-applikazzjoni.

**3.2** ***Para 3.2 – Torri tas-Semaforu :*** Is-Sindku informa li fuq parir tal-Perit Serracini Inglott mhux ser jitwahhlu il-bank u l-pots. Ser isir biss arblu ghall-bandiera u forsi l-injam ta' fuq il-bejt jekk jirnexxielna ingibu d-disinn ta' kif kien originarjament. Il-Banda tal-Forzi Armata kienet infurmatna li ma tistax tattendi. Huwa nforma wkoll li l-bank tal-kcina kien wehel. Gew ipprezentati 3 stimi sabiex issir l-fossa li rrizultaw hekk : Ganaja : € 1,600, Bruce Zarb : € 1,628.40 u Renell Co. Ltd. : € 3,248.79. Wara diskussjoni gie deciz li tinghazel l-istima ta' Ganaja peress li giet meqjusa bhala l-aktar wahda vantaggjuza.

**3.3** ***Para 3.3 – Lokalitajiet sostenibbli :*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-laqgha ghar-residenti kienet saret u kienet interessanti hafna. Ghaliha kienu attendew madwar 40 ruh.

**3.4** ***Para 3.4 – Triq Santa Katerina :*** Is-Sindku qal li konna ghadna qed nistennew aktar dettalji minghand il-W.S.C. dwar ix-xogholijiet mehtiega li jsiru fid-drenagg. Gie unanimament deciz li ninfurmawhom li l-Kunsill kien behsiebu jibda x-xoghol tat-tarmak fil-15 ta' Gunju.

**3.5** ***Para 3.6 – Parking Bays fi Triq Stiefnu Zerafa:*** Is-Sindku nforma li dan ix-xoghol kien sar izda kienet dahlet talba ghal *parking bay* ohra. Gie unanimament deciz li nikkonsultaw ma l-ADT wara li tkun giet emendata l-bankina skond il-linja tal-bini fil-kantuniera ta' Triq Stiefna Zerafa ma Triq Naxxar.

3.6 ***Para 3.7 – Laqgha mal-Pulizija:*** L-Agent S.E. informa li l-laqgha mal-Pulizija ser issir it-Tnejn, 11 ta' Mejju.

3.7 ***Para 3.8 – Scouts fil-Gharghur:*** Il-Kunsillier P. Fenech informa li kollox kien miexi kif ippjanat u l-ewwel laqgha ghat-tfal kienet ser issir ghada l-Erbgha.

3.8 ***Para 3.11 – Standard:*** Il-Kunsillier A. Muscat informa li l-istandard kien qed jinhadem.

3.9 ***Para 3.12 – Qtugh ta' haxix:*** L-Agent S.E. informa li x-xoghol approvat fl-ahhar laqgha kien sar.

***Il-Kunsillier M. Mifsud inghaqad mal-Kunsill fis-7:25 p.m.***

3.10 ***Para 3.14 – Applikazzjonijiet 313 u 323:*** L-Agent S.E. informa li kienet saret laqgha mal-Perit tal-Kunsill u ufficjali mill-MEUSEC dwar l-applikazzjonijiet taghna. Il-Perit kienet diga bghatet xi proposti filwaqt li hu kien qed jahdem fuq l-applikazzjonijiet. Huwa qal ukoll li aktar qabel illum kien attenda laqgha dwar is-suggett flimkien ma' ufficcjali mill-Awtorita Maltija ghat-Turizmu ( MTA) fejn intwera l-interess li l-MTA tippartecipa bhala sieheb fil-progetti tal-Kunsilli. Diga ukoll giet ippreparata t-talba taghna sabiex niehdu d-devoluzzjoni tas-*Searchlight Battery*. Dwar dan kollu kien hemm qbil unanimu mill-Kunsill.

3.11 ***Para 3.16 – Xoghlijiet GO p.l.c. :*** L-Agent S.E. informa li huwa kellu laqgha ma' ufficcjali minn GO p.l.c. fejn dawn infurmawh li riedu li ssir kaxxa mal-hajt u ohra fl-art fil-Pjazza kif ukoll kaxxa mal-hajt fi Vjal ir-Repubblika u trinka zghira. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li l-Kunsill ma japprovax ix-xoghol ippjanat ghall-Pjazza peress li fil-post diga hemm kaxxa ohra u x-xoghlijiet ser jaghmlu hafna hsara l-ambjent tal-Pjazza. Rigward ix-xoghlijiet fi Vjal ir-Repubblika dawn gew unanimament approvati.

3.12 ***Para 3.17 – Youth Exchanges***: Il-Kunsillier P. Fenech ippropona li ssir laqgha mal-MEUSEC qabel il-laqgha tal-Kunsill li jmiss u l-Agent S.E. intalab sabiex jaghmel l-arrangamenti mehtiega.

3.13 ***Para 5.2 – Ilment Triq Stiefnu Zerafa*** – L-Agent S.E. informa li r-resident li allegatament ghandu rampa li qed izomm l-ilma milli jimxi cahad l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront tieghu minn terzi u stieden lil min ghamel l-allegazzjonijiet sabiex imur mieghu fuq il-post halli jikkonferma dan.

3.14 ***Para 5.4 – Ilment Sqaq Charlotte*** : L-Agent S.E. informa li l-Pulizija kienu marru fuq il-post u zguraw li l-karru li kien hemm ipparkjat jitnehha. Sadanittant l-ilmenti l-ohra qed jigu investigati mid-Dipt. tas-Sanita'.

3.15 ***Para 6.2 – Fondi Specjali ghal Lokalitajiet bi Bzonnijiet Specjali*** : L-Agent S.E. informa li l-applikazzjoni ser tigi ipprocessata.

3.16 ***Para 6.4 – Sponsorship Prize Day*** : Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien ha l-midalji li kellna l-Kunsill izda l-Kap ta' l-iSkola kienet infirmatu li ma kienx hemm bizzejjed ghall-kulhadd. Gie unanimament deciz li jinxtraw aktar medalji.

Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162
Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**3.17** ***Para 6.5 – Reserved Parking Bay*** : Is-Sindku nforma li huwa kien kellem lil-Perit Vassallo ta' l-ADT u dan kien infurmah li x-xoghol irid issir mill-Kunsill. Fic-cirkostanzi gie unanimament deciz li x-xoghol isir mill-haddiem ta' l-IPSL.

**3.18** ***Para 7.6 – Jum il-Gharghur 2009*** : Il-Vici Sindku nforma li aktar kmieni llum, flimkien mal-Kunsillier A. Muscat kellu laqgha ma' ufficcjali minn tal-Banda rigward il-kuncert u issa qed nistennew stima minn ghandhom.

**4** **Approvazzjoni ta' Pagamenti Pendenti**

**4.1** L-Agent S.E. ipprezenta l-iskeda ta' pagamenti pendenti li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-ufficcju tal-Kunsill sad-data tal-laqgha. Il-Kunsill unanimament approva dawn il-pagamenti kollha.

**4.2** L-Agent S.E. ipprezenta l-lista ta' l-infieq li sar mill-*Petty Cash* matul April 2009 u din giet approvata unanimament

**5** **Ilmenti u Suggerimenti**

**5.1** Talbiet verbali sabiex isiru *Parking Bays* fi Triq 31 ta' Marzu (mir-*roundabout* il-fuq) u fi Triq Caravaggio (minn *roundabout* sa *roundabout*). Dawn it-talbiet gew unanimament approvati u gie deciz li x-xoghol isir mill-Koptasin.

**5.2** Talba ghal madwar 10 jardi konkos sabiex isir *patching* ta' sqaq faccata ta' Bitmac Ltd. Gie unanimament deciz li qabel ma l-Kunsill jiehu decizjoni, din it-talba ghandha tigi investigata u jekk jinstab li din it-talba hi gustifikata ghalissa jinghataw biss 5 jardi.

**5.3** Ilment dwar sit fi Triq 31 ta' Marzu li fih qed jintrema l-imbarazz. Peress li l-post indikat huwa biswit is-*Sub-station* ta' l-Enemalta gie deciz li dan l-ilment jigi referut lill-Enemalta peress li l-post huwa propjeta' taghhom.

**6** **Korrispondenza**

**6.1** Korrispondenza varja li rcivejna mill-ahhar laqgha sa llum minghand il-MEPA dwar zviluppi fil-lokalita'.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.2** Korrispondenza mid-Dipt. ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali tal-Pulizija dwar jekk hemmx bzonn li ssir laqgha maghhom.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.3** Korrispondenza mid-Dipt. tad-Distretti fejn gejna nfurmati li d-dipartiment mhux f'posizzjoni li jgedded il-kuntratt li kellna bejnietna.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.4** Korrispondenza mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Dokument dwar Politika ghall-Gvern Lokali.

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.5** Memo 26/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Kuntratt Gdid Dwar Gbir ta' Skart Organiku.

Din il-korrispondenza giet innotata. Gie deciz li l-Kunsill jikkunsidra aktar fid-dettal dan id-dokumenti kif ukoll jiddiskuti mal-Kunsilli fuq il-KKT il-possibilita' li dan is-servizz jibda jinghata fuq bazi regjonali.

**6.6** Memo 27/2009 mid-Dipt. ghall-Gvern Lokali dwar Hinijiet tal-laqghat tal-Kunsilli Lokali.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.7** Korrispondenza varja mill-Kummissjoni Elettorali dwar l-Elezzjoni ghall-Parlament Ewropew.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.8** Korrispondenza mid-Dipt. ta' l-Artijiet tikkonferma li wara lment li kien sar mill-Kunsill, l-access ghas-*Searchlight Battery* kien instab maghluq.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.9** Korrispondenza mill-MEUSAC dwar konferenza li ser issir bejn it-13 u l-15 ta' Mejju.

Din il-korrispondenza giet innotata.

**6.10** Cirk 30/2009 mill-AKLM dwar Assikurazzjoni ta' Flus.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill igedded il-polza tieghu.

**6.11** Cirk 31/2009 mill-AKLM dwar Skema ta' Sahha.

Din il-korrispondenza giet innotata u gie deciz li l-Kunsill igedded il-polza tieghu.

## 7 Materji Ohra u Mistoqsijiet

**7.1** Gie unanimament deciz li l-Kunsill igedded il-poloz ta' l-assikurazzjoni tieghu skond l-orhos offerta li inkisbet mill-*brokers* tal-Kunsill.

**7.2** Il-Kunsillier P. Fenech informa li huwa kien kellem lil-Kappillan u dan kien ikkonfermalu li ma kellux oggezzjoni li jingieb ufficcjal mill-MEPA sabiex jara x-*shelter* li parti minnu tasal sa taht id-dar tieghu. Fic-cirkustanzi gie deciz li ghandna nkellmu lil-MEPA sabiex jibghatu ufficcjal sabiex jara x-*shelter* kif ukoll li tingieb stima sabiex ikunu jistghu jinfethu l-kaptelli tax-*shelter*. Gie unanimament deciz ukoll li l-Kunsill izomm taht idejh dan ix-*shelter* izda joffri lill-ghaqdiet tar-rahal il-facilita' li jaghmlu uzu minnu ghal perjodu temporanju sabiex per ezempju tittella xi esebizzjoni.

**7.3** Is-Sindku fakkar li t-tberik ta' l-annimali fir-rahal kien ser isir il-Hadd 17 ta' Mejju u gie unanimament approvat li ghall-okkazjoni jiddahhal il-kennies sabiex inaddaf wara li jghaddu l-annimali.

GHARGHUR

# KUNSILL LOKALI GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Gharghur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 Fax : 2141 2626 Mobile : 7941 4111**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**7.4** Il-Kunsillier P. Fenech informa li ghat-tieni sena kien ser jorganizza l-attivita' tal-Huggiega ta' San Gwann. Din is-sena l-attivita' ser issir fis-26 ta' Gunju u ser issir bil-partecipazzjoni tal-Parrocca, tal-Banda San Bartilmew u l-Ghaqda tan-Nar. Huwa qal ukoll li kienu ser isiru 3 imwejjed bl-ikel, bil-haxix u bil-frott sabiex isir il-bejgh taghhom waqt l-istess attivita' Huwa qal li l-ispejjez tal-Kunsill kienu ser ikunu biss dawk li jinvolvu l-kiri ta' *PA System* u 100 siggu. L-ispejjez m'ghandomx jaqbzu l-€500. Laqgha dwar din l-attivita' ser issir nhar il-Gimgha, 15 ta' Mejju. Aktar dettalji jinghataw fil-laqghat li jmiss.

**7.5** Is-Sindku nforma li huwa flimkien mal-Kunsillier A. Muscat kellu laqgha mas-sidien ta' izvilupp fi Triq San Gwann u mal-kuntrattur taghhom dwar it-talba taghhom sabiex issir trinka halli jitqabbad id-drenagg. Huwa qal li giet diskussa l-possibilta' li ssir mina. Jekk din ma tistax issir u issir trinka l-kuntrattur kien qal li ghal xi hin it-triq tkun trid tinghalaq ghat-traffiku miz-zewg nahat. Issemmiet ukoll mis-sidien il-possibilita' li sakemm jitlestew ix-xoghlijiet it-traffiku ghar-rahal jidhol min-naha tax-Xwieki u johrog minn Triq San Gwann. Sadanittant il-kuntrattur kien ser jimmarka zewg postijiet fejn hu mahsub li jsir zewg toqob halli minnhom jitnizzel makkinarju halli tkun tista issir il-mina. Wara diskussjoni gie unanimament deciz li issir laqgha bejn is-sidien u l-kuntrattur mal-membri kollha tal-Kunsill wara li jkunu immarkati dawn iz-zewg postijiet.

***Il-Kunsillier A. Muscat halla l-laqgha fid-8:45 p.m.***

**7.6** Is-Sindku pprezenta d-disinn tal-Perit Janice Zahra ghall-latrina pubblika fi Triq San Gwann sabiex il-Kunsill ikun jista japplika ghal fondi sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega halli din tkun accessibbli ghall-kulhadd. Dan gie approvat unanimament.

**7.7** L-Agent S.E. informa li wahda mill-impjegati kienet infurmatu li skond il-Ftehim Kollettiv ta' l-iskrivani, taht "cirkostanzi partikolari", impjegat seta jaghmel uzu minn *sick leave* mhux utilizzat fis-sentejn precedenti. Huwa qal li l-impjegata kienet ghamlet operazzjoni u ghamlet anke xi zmien rikoverata l-isptar u ghalhekk kien qed titlob lil-Kunsill sabiex iqis dawn ic-cirkostanzi bhala "partikolari" u kif jistipula l-Ftehim Kollettiv. Gie deciz li l-Agent S.E. jinvestiga aktar fid-dettal din it-talba u jaghti parir lill-Kunsill fil-laqgha li jmiss pero' l-Kunsill unanimament ikkonferma li lest li jikkunsidra favorevolment din it-talba.

**7.8** Is-Sindku informa li l-Kunsill kien hareg in-*No Objection* sabiex il-Kumitat tal-Gharghur FC jorganizza attivita' sabiex jiccelebra r-rebh tal-kampjonat pero l-Pulizija kien irrifjutaw li johorgu l-permess. Il-Kunsill unanimament ma qabilx mad-decizjoni tal-Pulizija u gie deciz li jaghmel ir-rapprezentazzjonijiet tieghu sabiex jinhareg il-permess.

***Il-laqgha ntemmet fid-9.00 p.m. Laqgha ohra ssejhet ghat-Tlieta 19 ta' Mejju 2009 fis-6.00pm.***

| | | |
|---|---|---|
| **Mario Gauci** | **Fabian Mizzi** | |
| **Sindku** | **Agent Segretarju Ezekuttiv** | **Data** |